MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 281/2006/1

**Rita Borg**
**v.**
**Francis Borg**

**Il-Qorti**

## I. PRELIMINARI

1. Dan huwa appell maghmul mill-attrici, minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili Sezzjoni Familja fit-18 ta' Mejju 2007. F'din il-kawza l-attrici qeghda titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha manteniment skond il-mezzi tieghu ghall-bzonnijiet taghha pagabbli lilha fil-gimgha jew fix-xahar jew minflok f'somma globali li l-Qorti

jidhrilha xierqa sabiex hija tkun finanzjarjament anqas dipendenti fuq il-konvenut.

Is-sentenza appellata hija din:
“**Il-Qorti;**

“Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-4 ta’ Settembru, 2006 li permezz tiegħu A esponiet bir-rispett:

“1. Illi l-kontendenti kienu żżewġu fil-31 ta’ Diċembru, 1983 u dan kif jidher fl-anness dokument ċertifikat tar-Reġistru Pubbliku markat Dok. “A”;

“2. Illi r-rikorrenti Rita Borg għadha sal-lum miżżewġa lil żewġha Francis Borg;

“3. Illi l-intimat ilu żmien jonqos milli jagħti manteniment lil martu Rita Borg, għalkemm għandu dħul konsiderevoli, waqt li l-intimata m’għandha mezz ta’ għajxien;

“4. Illi l-intimat għandu negozju ta’ *undertaking* u għandu wkoll ġestjoni ta’ *grocer* ġewwa Ħal-Luqa, mil-liema intrapriżi l-esponenti m’hijiex qed tieħu manteniment mill-intimat;

“5. U peress illi l-attriċi rikorrenti ġiet awtorizzata tipproċedi f’din l-istanza in forza ta’ digriet relattiv hawn anness u mmarkat bħala Dokument “B”.

“Jgħid l-istess konvenut prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, għaliex din l-Onorabbli Qorti m’għandhiex-

“1. tikkundanna lill-konvenut intimata sabiex iħallas lill-attriċi rikorrenti, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tiġi ffissata minn din il-Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut intimat u l-bżonnijiet ta’ l-attriċi rikorrenti, pagabbli dan il-manteniment kull ġimgħa jew kull xahar kif tordna din il-Qorti jew jekk l-istess Qorti jidhrilha xieraq, tordna lill-konvenut intimat iħallas lill-attriċi rikorrenti minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun biżżejjed sabiex l-attriċi rikorrenti tkun

finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti fuq il-konvenut intimat;

"Bl-ispejjeż kontra l-konvenut illi huwa minn issa nġunt in subizzjoni.

"Rat il-lista tax-xhieda.

"Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fis-16 ta' Ottubru, 2006 li permezz tagħha Francis Borg eċċepixxa bir-rispett;

"1. Illi t-talba attriċi hija irrita u nulla stante l-fatt li l-attriċi ma kisbitx l-awtorizzazzjoni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex tagħmel tali talba. Di fatti permezz ta' l-ittra numru 1266/05 tas-7 ta' Diċembru, 2005 l-attriċi bl-ebda stadju ma semmiet li hija riedet totjeni xi forma ta' manteniment mingħand l-esponenti.

"Illi anke matul il-proċeduri ta' medjazzjoni tali talba għall-manteniment qatt ma ssemmiet.

"Illi permezz tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti numru 110/06 il-Qorti awtorizzat lill-attriċi tipproċedi b'kawża *ad hoc* ai termini ta' dak li talbet fl-ittra promotorja tagħha numru 1266/05 u ai termini tal-medjazzjoni, f'liema ittra u proċeduri qatt ma ssemmiet il-kwistjoni tal-manteniment.

"Illi, għalhekk, l-esponenti jissottometti bir-rispett li l-attriċi trid terġa' tibda l-proċeduri mill-ġdid u formalment titlob li tingħata l-manteniment kemm fl-ittra promotorja u aktar u aktar fil-medjazzjoni. Il-fatt li hija naqset milli tagħmel dan tirrendi t-talba tagħha għall-manteniment bħala waħda nulla.

"2. Illi, fit-tieni lok, il-kwistjonijiet kollha bejn il-konjuġi Borg sew saldati bis-sentenza mogħtija fil-kawżi fl-ismijiet: Francis Borg vs Rita Borg ċitazzjoni numru 885/88 FDP deċiża fit-30 ta' Ġunju, 1993 li fiha l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili ddikjarat is-separazzjoni personali bejn il-konjuġi Borg, "*u dan minħabba raġunijiet imputabbli għall-konvenuta*" (cioe` Rita Borg) u kwindi ddeċidiet illi "*il-*

*konvenuta ddekadiet mid-dritt għall-manteniment mingħand żewġha*". Minn din id-deċiżjoni Rita Borg ma ntavolat ebda appell, kif ser jiġi ppruvat waqt il-kawża.

"Illi għalhekk id-deċiżjoni tat-30 ta' Ġunju, 1993 tikkostitwixxi stat ta' *res gudikata* bejn il-konjuġi Borg u kwindi l-attriċi odjerna Rita Borg iddekadiet mid-dritt għall-manteniment mingħand żewġha Francis Borg u għalhekk, anke f'dan ir-rigward it-talba attriċi ma tistax tiġi milqugħa.

"3. Illi tant l-attriċi Rita Borg kienet aċċettat id-deċiżjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tat-30 ta' Ġunju, 1993, illi fil-kawża fl-ismijiet: Rita Borg vs Francis Borg ċitazzjoni numru 2898/96 GV, li hija għamlet tliet snin wara d-deċiżjoni msemmija, hija lanqas biss talbet xi forma ta' manteniment. Di fatti dik il-kawża kienet tikkonċerna biss il-komunjoni tal-akkwisti. Din il-kawża l-attriċi Rita Borg tilfitha wkoll u ġiet ikkonfermata wkoll mill-Appell permezz tas-sentenza tal-31 ta' Mejju, 2004.

"4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikors tal-attriċi huwa bbażat fuq fatti inveritieri w ineżistenti. In fatti m'humiex minnu illi:

(i) illi l-attriċi m'għandhiex mezz ta' għajxien kif allegat f'paragrafu 3. In fatti l-avukat sottoskritt iltaqa' mal-attriċi waqt li hija kienet qegħda taħsel dar tas-sorijiet fil-Gżira, għal-liema servizz l-attriċi żgur li tħallset. Dan is-servizz l-attriċi tirrendih fuq bażi regolari u minnu taqla' l-flus, barra li tirċievi l-għajnuna legali mid-Dipartiment ikkonċernat; u

(ii) illi mhux minnu li l-esponenti jiġġestixxi *grocer* f'Ħal Luqa kif allegat f'paragrafu 4.

"Illi, għalhekk, għar-raġunijiet fuq esposti, it-talba attriċi għandha tiġi respinta bl-ispejjeż kontra tagħha.

"Salv eċċezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-każ.

"Rat il-lista tax-xhieda.

"Rat l-atti proċesswali u l-verbal tas-seduta tat-30 ta' Marzu, 2007 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza fuq l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-konvenut wara li l-Avukati trattaw dwarhom.

"Ikkunsidrat;

"Illi l-konvenut permezz ta' l-eċċezzjonijiet imsemmija qed jeċċepixxi li l-attriċi ma talbitx l-awtorizzazzjoni biex tressaq it-talba in kwistjoni fl-ittra oriġinali tagħha li permezz tagħha bdiet dwar il-proċeduri kif ukoll li l-attriċi gia` iddekadiet permezz ta' sentenza tal-Qorti mid-dritt tagħha għall-manteniment u allura l-kwisjoni dwar dan hija fi kliem ieħor *res judicata*.

"Il-Qorti għal raġunijiet li jidhru ċari iktar 'il quddiem se tittratta l-ewwel il-kwistjoni mqajma l-aħħar u cioe` jekk it-talba attriċi għaddietx in ġudikat. L-iskop tal-prinċipju tar-*res judicata* hu evidenti u cioe` li l-leġislatur ħass li ma jistax ikun hemm stat ta' inċertezza indefinita fejn jidħlu kwistjonijiet ta' drittijiet akkwisiti wara proċess ġudizzjarju.

"Il-ġurisprudenza tagħna hija għanja f'dan ir-rigward u per eżempju l-Qorti qed tiċċita l-kawża <u>Bugeja vs Azzopardi</u> deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Ġunju, 2001 li tiċċita diversi sentenzi oħra. Fost affarijiet oħra per eżempju l-Qorti qalet;

"*L-ebda disposizzjoni fil-liġi tagħna ma tagħti lok li titressaq ċitazzjoni sabiex sentenza li tkun għaddiet in ġudikat tiġi dikjarata nulla u bla effett u l-Qorti tieqaf hemm. Għalhekk din il-Qorti m'hijiex se tisma' il-provi dwar x'kienet il-proċedura segwita f'kawża li għaddiet in ġudikat u li fiha ma ġiex utilizzat ir-rimedju provdut mil-liġi sabiex tali sentenza tiġi attakkata*."

"Fil-kawża <u>Gerada vs Caruana</u> imsemmija mill-istess sentenza u li ġiet deċiża fl-1973 intqal;

"*L-effikaċja ġuridika u soċjali tal-ġudikat tirrikjedi li l-amministrazzjoni tal-ġustizzja da parti tal-Qorti tal-pajjiż ma tiġix imfixkla u intralċjata billi fi kwalunkwe żmien u bla*

*ebda limiti l-parti li titlef kawża terġa' tqajjem kwistjonijiet rigward tagħha u terġa' tiftaħha.*"

"Fil-ftuħ tat-trattat tiegħu dwar dan l-istitut, Laurent jiċċita awtur ieħor Pothier li jgħid "*L-autorita della cosa giudicata fa presumere vero e giusto tutto cio' che si contiene nella sentenza – res judicata pro veritate accipitur*."

"Hu magħruf li r-rekwisiti biex l-eċċezzjoni tirnexxi huma tlieta u cioe` l-identita` tal-persuni, tat-talba u tal-oġġett – *eadem personae*, *eadem res, eadem causa petendi*. Għalhekk kull eżami dwar din l-eċċezzjoni għandha bżonn ta' indaġini ta' dawn it-tliet fatturi.

"F'din il-kawża ma hemmx kwistjoni dwar l-identita` tal-partijiet. Il-kwistjonijiet l-oħra dejjem ikunu ftit iktar komplikati. F'dan il-każ il-kumplikazzjoni mhux tant jekk bejn il-partijiet din il-kwistjoni ġietx deċiża daqs kemm fl-ambitu tal-Qorti tal-Familja sentenza simili jfissirx dejjem res judicata. Dan għaliex hu konċess li manteniment (u anke per eżempju kustodja u kura tat-tfal minuri) dejjem jiġu deċiżi *rebus sic standibus* għaliex hu magħruf li f'dan ir-rigward il-Qorti tista' tbiddel deċiżjoni tagħha jekk iċ-ċirkostanzi tal-każ ikunu jirrikjedu. Dan għaliex il-liġi stess tippermettih fejn speċjalment fejn jirrigwardja l-minuri l-Qorti ġustament ingħatat mil-leġislatur diskrezzjoni wiesgħa biex tiddeċiedi dejjem fl-aħjar interess tagħhom.

"F'din il-kawża pero` il-kwistjoni inqalgħet billi fis-sentenza mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju, 1993 il-Qorti ppronunzjat is-separazzjoni bejn il-kontendenti u dan *għal raġunijiet imputabbli lill-konvenuta* (l-attriċi odjerna) u anke li l-istess *konvenuta ddekadiet mid-dritt għall-manteniment mingħand żewġha.* Il-konvenuta fil-fatt kienet ipproponiet kontro-talba li ġiet miċħuda fir-rigward tal-manteniment u allura hemm ukoll l-istess oġġett u l-istess talba.

"Il-Qorti jidhrilha li ladarba l-attriċi ddekadiet mid-dritt ta' manteniment hija qatt ma tista' jerġa' jkollha dak id-dritt għaliex id-dekadenza ta' dritt hija xi ħaġa irreversibbli u dejjiema. Il-Qorti tħoss ukoll li jekk tħalli l-kawża titkompla

u allura tħalli l-possibilta' li l-attriċi tingħata manteniment tkun qegħda neċċesarjament tiddikjara ineffikaċi dak li l-Qorti ddeċidiet dak in-nhar. Huwa veru illi *l-eċċezzjoni tar-res judicata għandha tiġi ammessa b'ħafna ċirkospezzjoni* (Gerada vs Caruana – Qorti tal-Appell – 7 ta' Marzu, 1958) iżda fl-istess ħin l-istess sentenza tgħid *xi drabi jiġri li d-deċiżjoni m'hijiex interament fil-parti dispositiva tagħha iżda anke fil-parti razzjonali tagħha meta fil-motivazzjoni tiġi definita u riżoluta l-vera kwistjoni b'mod li dik il-parti tkun il-presmessa loġika u neċessarja tad-disposittiv u allura dik il-parti tifforma ħaġa waħda mad-dispositiv, li kollha flimkien jiffurmaw il-ġudikat*.

"Kif gia` ingħad għalhekk il-Qorti tħoss li l-eċċezzjoni msemmija hija effikaċi u jistħoqqilha tiġi milqugħa, ma hemmx allura għalfejn tiddeċiedi dwar l-ewwel eċċezzjoni.

"**Għaldaqstant il-Qorti tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut, u tiċħad it-talbiet attriċi.**

"**L-ispejjeż jiġu sopportati mill-attriċi.**"

**<u>L-APPELL</u>**

2. L-attrici hassitha aggravata b'din is-sentenza u ghalhekk appellat minnha b'rikors ipprezentat fil-5 ta' Gunju 2007. L-appellanti tillamenta li l-ewwel Qorti applikat il-principji relattivi ghall-istitut tar-*res judicata* b'mod assolut u ma' ezaminatx bir-reqqa c-cirkostanzi partikolari tal-kaz odjern. L-ilment principali tal-appellanti huwa illi l-ewwel Qorti ma' hadetx in konsiderazzjoni il-fatt illi l-partijiet, ghalkemm legalment separati, z-zwieg taghhom ma' giex dikjarat null mill-Qorti u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha tinterpreta l-imsemmija l-principji tar-*res judicata* b'mod aktar restrittiv. L-appellanti tallega li l-ewwel Qorti zbaljat meta cahditilha b'mod assolut u irrevokabbli d-dritt ta' manteniment li hija kellha bhala mara mizzewga.

3. Fis-26 ta' Gunju 2007, il-konvenut appellat irrisponda ghal dan l-appell u ghar-ragunijiet imfissra f'din

ir-risposta, sostna illi s-sentenza tal-ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Il-fatti saljenti tal-kaz

4. Il-partijiet izzewgu fil-31 ta' Dicembru 1983. Bis-sahha ta' sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta' Gunju 1993 (Citazzjoni Numru 885/88FD) fil-kawza fl-ismijiet "Francis Borg vs Rita Borg" giet pronunzjata s-separazzjoni personali ta' bejniethom u dana minhabba ragunijiet imputabbli ghall-konvenuta Rita Borg (vide sentenza a fol. 33-41 tal-process). Din is-sentenza ddikjarat ukoll illi l-konvenuta kienet iddekadiet mid-dritt taghha li titlob u tircievi manteniment minghand zewgha u ikkundannat lil Francis Borg (appellat f'din il-kawza) sabiex jhallas manteniment ghat-tifel minuri. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili f'dik is-sentenza ddikjarat ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, izda astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba rigwardanti l-assenjazzjoni tad-dar matrimonjali u tal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti minhabba nuqqas ta' provi.

5. L-attur f'dik il-kawza kien appella mis-sentenza hawn fuq imsemmija fl-ismijiet "Francis Borg vs Rita Borg" deciza fit-30 ta' Gunju 1993, izda l-appell tieghu mar dezert.

6. Sussegwentement, l-appellanti f'din il-kawza, Rita Borg, kienet istitwiet proceduri sabiex tigi ordnata l-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwsiti li kienet tezisti bejn il-partijiet u li kienet diga' ddikjarata xolta permezz tas-sentenza fl-ismijiet "Francis Borg vs Rita Borg" deciza fit-30 ta' Gunju 1993. Hija talbet in oltre illi jigu kkonsenjata lilha l-oggetti parafernali taghha. Fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet "Rita Borg v. Francis Borg" mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2000 (Citazzjoni Numru 2898/96GV) ( vide sentenza a fol. 28-31 tal-process) dik il-Qorti laqghet it-talbiet attrici limitatament fis-sens illi kkundannat lill-

konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici l-oggetti mobbli indikati fl-istess sentenza.

7. L-appellanti appellat minn dik is-sentenza moghtija fl-ismijiet "Rita Borg vs Francis Borg" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2000, liema appell gie michud bl-ispejjez kontra taghha b'sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju 2004 (vide sentenza a fol. 23-26 tal-process).

**L-eccezzjoni tal-gudikat**

8. L-ewwel Qorti cahdet it-talba ta' l-attrici odjerna ghaliex sabet li l-eccezzjoni tal-gudikat moghtija mill-konvenut kienet gustifikata. Huwa risaput illi sabiex l-eccezzjoni tal-gudikat tirnexxi, huma mehtiega tlett elementi u cjoe` a) *eadem personae* (l-istess partijiet), b) *eadem res* (l-istess oggett) u c) *eadem causa petendenti* (l-istess kawzali). Fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet "**Galea v. Falzon et"** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Frar 2002 (citata fis-sentenza "**Edmea Pace v. Edward Pavia"**- deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Lulju 2003) gie ritenut illi:
"L-eccezzjoni tal-gudikat ghandha bhala sisien taghha (a) l-interess pubbliku, u (b) hija mahsuba biex thares ic-certezza tal-jeddijiet li jkunu gew definiti b'sentenza, (c) li tbieghed il-possibilita` ta' decizjonijiet li jmorru kontra xulxien u (d) li taghlaq il-bieb li kwestjonijiet definiti jibqghu jinfethu bi hsara tal-jeddijiet stabbiliti b'sentenza li tkun diga' nghatat dwar dik il-vertenza."

Fil-kawza fl-ismijiet "**Cassar Parnis v. Soler**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Marzu 1949 inghad illi sentenza li tkun konfermata jew li minnha ma' jigix intavolat appell, issir irrevokabbli.

Issir ukoll referenza ghal kawza "**Cassar v. Zammit**" deciza mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Dicembru 1956 fejn gie osservat illi:
"hu maghruf li, ghalkemm ma' jistax jigi eccepit il-gudikat fid-difett tar-rekwizit tal-identita` tad-domandi, il-gudikat hu valevoli biex jiddefinixxi d-domanda sussegwenti li,

ghalkemm mhux identika ghal dik definita bil-gudikat, tkun fondata fuq l-istess ‘ratio petendi’; u hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat anke meta l-meritu tal-kawza, ghalkemm distint minn dak tal-kawza ta’ qabel, jifforma parti mill-istess haga, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess; u ghalkemm, biex jista’ jigi invokat il-gudikat hemm bzonn l-identita` tal-oggett, din l-identita` ma’ hemmx bzonn tkun assoluta, basta li jkun hemm identita` fuq il-punt kontrovers, jew l-oggett fit-tieni citazzjoni jidhol bhala parti integrali tal-oggett aktar ampju dedott fl-ewwel citazzjoni.”

9. L-ahhar imsemmija zewg sentenzi gew ukoll fuq citati b’approvazzjoni fl-imsemmija sentenza “**Edmea Pace v. Edward Pavia**”. Ghal fini ta’ din il-kawza, m’hemmx dubju li l-ewwel element mehtieg huwa sodisfatt peress illi l-partijiet f’din il-kawza huma l-istess partijiet fil-kawza deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta’ Gunju 1993 (Citazzjoni Numru 885/88FD) fl-ismijiet “Francis Borg vs Rita Borg”. Dwar it-tieni u t-tielet elementi cioe` li jkun hemm l-istess oggett u l-istess kawza, jidher li dawn iz-zewg elementi huma wkoll sodisfatti ghaliex l-appellanti f’din il-kawza qeghda titlob li l-appellat jigi kkundannat u ordnat ihallas manteniment ghall-bzonnijiet taghha, u li l-istess manteniment jigi iffissat mill-Qorti, filwaqt illi fil-kawza fl-ismijiet “Francis Borg vs Rita Borg” deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta’ Gunju 1993 hija kienet talbet, fil-kontro-talba taghha, (precizament fit-tielet talba) li dik il-Qorti “tiffissa r-retta alimentari ghall-konvenuta u binha Effie”. Din il-Qorti tosserva illi minn dik is-sentenza tat-30 ta’ Gunju 1993 kien sar appell mill-appellat f’din il-kawza li pero` kien mar dezert. L-appellanti kellha kull opportunita` illi tappella minn dik is-sentenza izda din ghazlet li ma tappellax u minflokipprezentat kawza ohra tlettax-il sena wara kontenenti l-istess talba li kienet ghamlet fil-kontro-talba ghall-ewwel kawza istitwita minn zewgha.

10. L-appellanti tilmenta fir-rikors taghha illi *“f’kawzi rigwardanti l-familja, l-Qorti ma’ tistax tiehu dan il-kuncett ta’ res judicata, u tapplikaha, minghajr ma’ tara wkoll l-implikazzjonijiet serjissimi li sentenza bhala din tista’ jkollha kontra persuna li hija direttament effettwata, u*

*kontra persuna li ghadha sallum legalment mizzewwga lill-appellat."* Din il-Qorti taqbel mal-principju illi f'kazijiet ta' separazzjoni fir-rigward ta' kura u kustodja tat-tfal u awment jew tnaqqis fil-manteniment l-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tigi applikata b'kawtela kbira meta jkun jirrizulta li hemm tibdil fic-cirkostanzi tal-partijiet, ghaliex dan tippermettih l-ligi stess (ara p.e. art 21 mil-Kodici Civili). Madanakollu, fil-kaz odjern il-kwistjoni trid tigi ezaminata fid-dawl li s-sentenza precedenti kienet iddikjarat id-<u>dekadenza ta' l-appellata milli titlob jew tircievi manteniment</u>. Gialadarba l-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza fl-ismijiet inversi, ddikjarat id-dekadenza u dan wara li kellha l-opportunita` illi tisma' u tevalwa l-provi migjuba quddiemha u tenut kont tal-fatt illi din is-sentenza ma' gietx appellata mill-appellanti, fil-fehma tal-Qorti d-dikjarazzjoni tad-dekadenza hija irrevokabbli u tibqa' vigenti nonostante l-kambjament fic-cirkostanzi tal-partijiet.

11. Din il-Qorti ghalhekk taqbel perfettament mal-ewwel Qorti meta irriteniet illi :
"Iadarba l-attrici ddekadiet mid-dritt ta' manteniment hija qatt ma' tista' jerga' jkollha dak id-dritt ghaliex id-dekadenza ta' dritt hija xi haga irreversibbli u dejjiema. Il-Qorti thoss ukoll li jekk thalli l-kawza titkompla u allura thalli l-possibilita` li l-attrici tinghata manteniment tkun qeghda neccessarjament tiddikjara ineffikaci dak li l-Qorti ddecidiet dak inhar"

12. Ghal dawn il-motivi tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata u tordna li l-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu kollha mill-attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------